**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 49/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Lorraine Vella**
**(ID 223772 (M))**

**Illum 30 ta' Gunju 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Lorraine Vella** ta' 38 sena, bint missier mhux magħruf u Anna Borg nee` Vella, imwielda il-Pieta` nhar it-28 ta' Marzu 1972, residenti 90, Triq l-Arkati, Raħal Ġdid, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 223772 (M);

1. Akkużata talli nhar id-9 ta' Novembru 2010 għall-ħabta tal-12:25 pm, kif ukoll fit-22 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tas-6:30 pm ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, kellha fil-pussess tagħha d-droga **eroina**, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset

li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Novembru 2010 kellha fil-pussess tagħha d-droga **methadone** speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar it-22 ta' Diċembru 2010 kellha fil-pussess tagħha r-**raża meħuda mill-pjanta cannabis** jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi u matul il-ġranet ta' qabel, bħala persuna li mhijiex uffiċjal ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin jew persuna mpjegata fl-imsemmija Faċilita', mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħlet jew ppruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini ta' Ħabs xi oġġett li hu pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarret jew ipprovat iġġorr xi oġġett bħal dawk barra mill-ħabs u dan bi ksur tal-Arikolu 7(1) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U ukoll talli rrendiet ruħha reċidiva b'diversi sentenzi li ġew definittivament deċiżi mill-Qrati ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2014, waqt l-eżami tagħha skont il-liġi, l-imputata wieġbet li mhijiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha;

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2014, il-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tal-imputata;

Rat in oltre illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jingħad illi dawn il-proċeduri kontra l-imputata odjerna jirreferu għal żewġ każijiet distinti u separati minn xulxin, li seħħew ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin – każ minnhom seħħ nhar id-9 ta' Novembru 2010 u ieħor nhar it-22 ta' Diċembru 2010.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet żewġ proċessi verbali – wieħed dwar materjal suspettat droga fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fid-9 ta' Novembru 2010[1] u ieħor dwar sejba ta' droga fiċ-ċella ta' Lorraine Vella nhar it-22 ta' Diċembru 2010[2];

   Illi mill-proċess verbal konness mas-sejba tad-9 ta' Novembru 2010 jirriżultaw s-segwenti:

   i. Ir-relazzjoni ta' **PS 1261 Charles Pace** nominat fl-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer* tikkontjeni faxxikolu fotografiku bi ħdax-il ritratt li juru l-oġġetti misjuba nhar id-9 ta' Novembru 2010[3];

   ii. Ir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, mil-liema jirriżulta illi nhar il-11 ta' Novembru 2010, huwa ngħata dokument wieħed mingħand l-Ispettur Frans Micallef, konsistenti f'*envelope* ta' lewn kannella li fih kien hemm:

      (i) *Envelope* li fuqu kien hemm il-kliem "*Found under pillow in cell no. 6 Female Section 9/11/10 12:15 pm Elaine Rapinett*";
      (ii) tazza ta' lewn abjad li fiha kien hemm likwidu ta' lewn aħdar;

[1] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 25 tal-proċess.
[2] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 127 tal-proċess.
[3] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 32 sa 40 tal-proċess u x-xhieda tiegħu fejn jikkonferma l-kontenut ta' din ir-relazzjoni u jgħid illi ġibed dawn ir-ritratti ġewwa l-għassa ta' Ħal-Luqa fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Frans Micallef.

(iii) *Envelope* li fuqu kien hemm il-kliem "*Found on bedside in cell No. 7 on 9/11/10 at 12:15 pm Lorraine Vella*" li fih kien hemm żewġ biċċiet tal-kartun, *straw* tal-plastik, żewġ biċċiet *foil* b'tiċpis ta' lewn iswed u kannella li waħda minnhom kienet irromblata u qartas tal-plastik li fih kien hemm trab ta' lewn kannella.

Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda bis-segwenti mod:

(a) Illi fl-estratt meħud mil-likwidu ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument imsemmi fit-tieni (2) paragrafu *supra*, instabet is-sustanza <u>*Methadone*.</u> Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Illi fl-estratt meħud mill-*aluminium foil* li hemm fid-dokument imsemmi fit-tielet (3) paragrafu *supra*, instabu s-sustanzi *Caffeine, Paracetamol* u *Codeine*. Għalkemm dawn is-sustanzi m'humiex ikkontrollati, normalment jinstabu fl-eroina bħala *adulterants*;

(c) Illi fl-estratt meħud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument imsemmi fit-tielet (3) paragrafu *supra*, instabu s-sustanzi *Caffeine* u *Paracetamol*. Għalkemm dawn is-sustanzi m'humiex ikkontrollati, normalment jinstabu fl-eroina bħala *adulterants*;[4]

iii. Ir-relazzjoni ta' **PS 659 Jeffrey Hughes** ukoll maħtur bħala *Scene of the Crime Officer*, mil-liema jirriżulta illi wara li huwa għamel eżamijiet kemm viżwali, kif ukoll kimiċi ma ġew żviluppati l-ebda impronta diġitali fuq l-oġġetti mgħoddija lilu mix-Xjenzat Godwin Sammut u li huwa jiddeskrivi fl-istess relazzjoni tiegħu[5];

iv. Mir-relazzjoni tal-espert maħtur **John Sacco** jirriżulta illi huwa żamm seduta fl-10 ta' Novembru 2010 ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u sema' x-xhieda tas-*Supervisor* Marianna sive Anna Vella, WCO 15 Mary Jane Camilleri u ta' WCO 22 Carmen Abdilla.

**Is-*Supervisor* Marianna sive Anna Vella** tixhed illi nhar id-9 ta' Novembru 2010, għall-ħabta ta' nofsinhar u għoxrin, hija kienet fl-uffiċċju tal-*Female Section* u marret sabiex tagħti xi ħwejjeġ lil Elaine Rapinett li tokkupa ċ-ċella numru sitta. Malli daħlet fiċ-ċella, hija rat

[4] Ara din ir-relazzjoni a fol. 42 tal-proċess u x-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, li fiha jagħraf din ir-relazzjoni u jikkonferma l-kontenut tagħha, a fol. 104 sa 106 tal-proċess.
[5] Ara din ir-relazzjoni a fol. 54 tal-proċess u x-xhieda ta' PS 659 Jeffrey Hughes li fiha huwa jikkonferma din ir-relazzjoni a fol. 83 u 84 tal-proċess.

lil Rapinett bil-qiegħda fuq is-sodda u lil Lorraine Vella bil-qiegħda fuq it-*toilet*. Hekk kif rat lix-xhud, Rapinett poġġiet xi ħaga taħt l-imħadda. Ix-xhud għolliet l-imħadda u sabet biċċtejn *foil* kulur il-fidda – biċċa kienet irrumblata u biċċa oħra kienet ċatta. Fl-istess ħin rat lil Lorraine Vella tieħu kaxxa tal-kartun ċatta u kwadra, qisha daqs ta' pakkett tas-sigaretti, minn fuq il-komodina. Ix-xhud qabditilha jdejha u talbitha l-kaxxa, iżda din offriet reżistenza. Stante li x-xhud bdiet tgħajjat, wara ftit sekondi waslu WCO 15 Jane Camilleri u WCO 22 Carmen Abdilla. Ix-xhud talbithom l-għajnuna, stante li Lorraine Vella kellha xi ħaġa f'idejha u dak il-ħin Vella ċedietha f'idejn ix-xhud. Tgħid illi kif fetħitha quddiem Vella, hija sabet borża trasparenti tal-plastik bi trab kannella, biċċa *pipe* tal-plastik trasparenti tul ta' sulfarina u *foil* daqsxejn oħxon kulur il-fidda illi kien ftit maħruq. Dawn l-oġġetti ġew issiġillati fil-presenza ta' Lorraine Vella u hija ffirmat fuq l-*envelope* li fih ġew issiġillati. Tgħid ukoll illi sussegwentement hija bgħatet lil WCO 15 Jane Camilleri, WCO 22 Carmen Abdilla u WCO 6 Carmen Briffa sabiex jagħmlu tfittxija ġewwa ċ-ċella numru sebgħa, li kienet okkupata minn Lorraine Vella. Waqt li kienet għaddejja din it-tfittxija, minn ħdejn il-bieb taċ-ċella, WCO 15 sejjħet lix-xhud sabiex turiha dak illi kien instab fl-imsemmija ċella u x'ħin marret, din urietha likwidu aħdar ġo tazza trasparenti tal-plastik li kienet mgħottija b'tazza oħra bajda, mhux trasparenti. Tgħid ukoll illi t-tfittxija kompliet għaddejja anke fiċ-ċella numru sitt, iżda ma nstab xejn suspettuż. Tgħid in oltre illi l-*foil* misjub taħt l-imħadda ġie siġillat f'*envelope* separat mill-oġġetti l-oħrajn.[6]

**WCO 15 Mary Jane Camilleri** tixhed illi hija taħdem bħala WCO fis-Sezzjonijiet A u B fil-*Female Section* u fis-sala tad-debituri ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Nhar id-9 ta' Novembru 2010, għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin ta' filgħodu (11:20am) kienet fl-uffiċċju li jinsab fil-*Female Section,* meta hi u l-kollegi tagħha semgħu lis-*Supervisor* Anna Vella tgħajjat. Hi u WCO 22 Carmen Abdilla marru jiġru ġewwa ċ-ċella numru sitta okkupata minn Elaine Rapinett għax kienu jafu li kienet hemm. Malli daħlu fl-imsemmija ċella, hija rat lil Anna Vella u lill-priġuniera Lorraine Vella imqabbdin flimkien u ċioe` minn idejhom it-tnejn. Dak il-ħin Rapinett kienet fiċ-ċella, iżda ma kinitx involuta f'dan. Spjegat illi Lorraine Vella kienet tinsab fiċ-ċella ta' Rapinett. Tgħid ukoll illi hija qabdet idejn Lorraine Vella u rat pakkett f'idejha, li hija ddeskrivietu bħala pakkett abjad b'xi sinjali ħomor, għaliex fuq l-istess pakkett kien hemm xi kitba. Hija ġibdet lill-istess Vella lura fil-waqt illi s-*Supervisor* baqgħet tiġbed ukoll, sakemm Vela ċediet, fetħet idha u l-pakkett ġie f'idejn Anna Vella. Tgħid ukoll

[6] A fol. 69 sa 73 tal-proċess.

illi fil-pakkett instab *pipe* tal-plastik trasparenti qisu *straw*, *foil* kulur il-fidda li parti minnu kienet maħruqa, kif ukoll borża tal-plastik trasparenti tal-qies ta' tlett pulzieri bi tlett pulzieri u li fiha kien hemm trab ta' lewn kannella. Ix-xhud tgħid ukoll illi wara saru tfittxijiet kemm fiċ-ċella sitta okkupata minn Rapinett, kif ukoll fiċ-ċella numru sebgħa okkupata minn Lorraine Vella. Fuq il-mejda fiċ-ċella sebgħa, instabet tazza tal-plastik bajda li kienet maqlubha. Kif dawwritha, fiha sabet tazza tal-plastik oħra trasparenti, li ġo fiha kien hemm likwidu aħdar. Hija għajtet lil Anna Vella fuq il-post u din marret, ratha u ħaditha magħha. Sadanittant kompliet għaddejja t-tfittxija fiż-żewġ ċelel imsemmija, iżda ma nstab xejn iżjed suspettuż.[7]

**WCO 22 Carmen Abdilla** tixhed illi nhar id-9 ta' Novembru 2010, għall-ħabta ta' nofsinhar u ħamsa u għoxrin minuta (12:25 pm), hija kienet fl-uffiċċju li hemm fil-*Female Section*, meta hi u l-kollegi tagħha semgħu l-għajjat u ndunaw li kienet is-*Supervisor* Anna Vella. Għalhekk hi u WCO Jane Camilleri marru fiċ-ċella numru sitta okkupata minn Elaine Rapinett biex jaraw x'ġara. Fiċ-ċella kien hemm Lorraine Vella u s-*Supervisor* jissaraw ma' xulxin u s-*Supervisor* talbithom l-għajnuna stante illi l-priġuniera kellha xi ħaġa f'idejha. WCO 15 qabdet idejn Vella sabiex is-*Supervisor* setgħet tieħu l-oġġett minn idejha u hekk ġara. Dan kien jikkonsisti f'pakkett tal-kartun tas-sigarri li ġo fih kien hemm biċċa *straw* tal-plastik, xi *foil* u trab ta' lewn kannella ġo borża tal-plastik trasparenti. Sussegwentement, hi u WCO 15 għamlu tfittxija ġewwa ċ-ċella numru sebgħa okkupata minn Lorraine Vella u WCO 15 sabet tazza *disposable* li ġo fiha kien hemm likwidu ta' lewn aħdar. It-tfittxija kompliet kemm fiċ-ċella numru sitta, kif ukoll fiċ-ċella numru sebgħa, iżda ma nstab xejn aktar suspettuż.[8]

Illi mill-proċess verbal konness mas-sejba tat-22 ta' Diċembru 2010 jirriżultaw is-segwenti:

i. Mir-relazzjoni esebita mill-ispiżjar **Mario Mifsud** maħtur sabiex janalizza s-sustanza esebita, jirriżulta illi huwa ngħata dokument wieħed konsistenti f'*envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuq quddiem tiegħu kien hemm il-kliem "*Fema Cell 7, 22 Dec 2010, 12:20 Hrs, Supervisor Anna, 5 foil (2 with substance), 1 brown subtance, 1 car ring, ...Lorriane Vella, Magt Dr. M. Farrugia ...*". F'dan l-*envelope* kien hemm kaxxa tal-metall li fuqha kien hemm tikketta bil-kliem, fost oħrajn, "Diamonds Extra" u ġo fiha kien hemm biċċa kartuna u biċċa karta, it-tnejn ta' lewn abjad, biċċa plastik trasparenti, fossa żgħira,

[7] Ara din ix-xhieda a fol. 73A sa 76 tal-proċess.
[8] A fol. 77 sa 79 tal-proċess.

ħames biċċiet *foil* b'erba' minn dawn b'tiċpis iswed u kannella fuqhom u speċi ta' borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm biċċa sustanza żgħira ta' lewn kannella.

L-espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

(a) Illi ma nstabux sustanzi llegali fuq il-biċċa kartuna, il-biċċa karta u l-kaxxa tal-metall;

(b) Illi s-sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fl-istess dokument kienet raża tal-pjanta tal-*cannabis*. Fis-sustanza ta' lewn kannella, li l-piż nett tagħha kien ta' 0.14 grammi, instabet is-sustanza *Tetrahydracannabinol* (THC). Ir-raża tal-*cannabis* hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Illi fuq il-biċċiet tal-*foil* instabu traċċi tas-sustanza *6-monoacetylmorphine* li, kif misjuba, kienet probabbilment prodott tad-degradazzjoni tal-erojina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt L-Ewwel Skeda, Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[9]

ii. Mir-relazzjoni esebita minn **PS 612 Theo Vella**, nominat fl-inkjesta bħala *Scene of the Crime Photographer*, jirriżulta illi nhar it-22 ta' Diċembru 2010, għall-ħabta tas-13.30, huwa ġie nfurmat li kellu jaċċedi ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid u hemmhekk ġibed sitt ritratti li juru l-oġġetti elevati mill-pussess ta' Lorraine Vella fil-jum in kwistjoni.[10]

2. **Supervisor Marianna Vella** tixhed f'dawn il-proċeduri illi kien hemm żewġ każijiet, li fihom kienet involuta l-imputata ossia wieħed illi seħħ nhar id-9 ta' Novembru 2010 u l-ieħor illi seħħ nhar it-22 ta' Diċembru 2010.

   Dwar l-inċident illi seħħ fid-<u>9 ta' Novembru 2010</u>, hija tgħid illi dakinhar daħlet ġewwa ċ-ċella numru sebgħa li kienet okkupata minn Elaine Rapinett u ma' Rapinett, fl-istess ċella kien hemm ukoll Lorraine Vella. Hekk kif daħlet fiċ-ċella, hija lemħet lil Rapinett tagħmel idejha taħt l-imħadda. Hija għolliet l-istess imħadda u taħtha sabet żewġ biċċiet *foil*; waħda minnhom kienet imrembla qisha *straw* u l-oħra kienet ċatta. Fl-istess waqt lemħet lill-imputata tgħatti b'idejha xi ħaġa li kienet qisha kaxxa tas-sigaretti. Ix-xhud tgħid ukoll illi hija bdiet titlob lil Vella sabiex

[9] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 133 tal-proċess.
[10] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 147 tal-proċess u x-xhieda tal-istess PS 612 Theo Vella li fiha kkoferma r-relazzjoni tiegħu, a fol. 152 u 153 tal-proċess.

tgħaddilha l-kaxxa, iżda din irreżistiet. Meta marru fiċ-ċella WCO 15 u WCO 22, l-imputata tatha l-kaxxa, li fiha kien hemm biċċa plastik li kien fiha trab kannella u biċċa *foil* maħruqa. Tgħid ukoll illi sussegwentement saret tfittxija ġewwa ċ-ċella numru sebgħa okkupata mill-imputata, u hemm instabet tazza li ġo fiha kien hemm likwidu aħdar. Ma tiftakarx fejn instabet din it-tazza u lanqas tiftakar jekk hi kinitx fiċ-ċella meta nstabet, jew jekk kinitx involuta f'din it-tfittxija. L-oġġetti kollha misjuba ġew issiġillati quddiem l-imputata u mgħoddija lill-Pulizija Eżekuttiva.

Dwar l-inċident illi seħħ fit-22 ta' Diċembru 2010, ix-xhud tgħid illi dakinhar hija kienet innotat diversi priġunieri deħlin fiċ-ċella numru sebgħa li kienet okkupata mill-imputata u meta marret biex tara x'kien għaddej, sabet lill-imputata bil-qiegħda fuq it-*toilet*. Tgħid illi bħal fil-każ ta' qabel, l-istess imputata kellha kaxxa li kienet qegħda fuq il-komodina ħdejn it-*toilet* u għattietha b'idejha. Ix-xhud talbitielha u l-imputata tagħtielha mill-ewwel. Din kienet tikkonsisti f'kaxxa tal-kartun tas-sigaretti u fiha kien hemm ħames biċċiet *foil,* li f'uħud minnhom kien hemm xi trab u biċċa blokka, kif ukoll misluta. Tgħid ukoll illi f'biċċtejn mill-*foil* kien hemm trab ta' lewn kannella. Kien hemm ukoll biċċa *foil* nadifa.

Mistoqsija kemm kienet ilha tokkupa din iċ-ċella l-imputata, ix-xhud twieġeb illi ma kinitx taf u tgħid illi dak il-ħin l-imputata kienet waħedha fiċ-ċella.[11]

3. **WCO 22 Carmen Abdilla** tixhed matul dawn il-proċeduri, illi fid-9 ta' Novembru 2010, hija kienet tinsab fl-uffiċċju meta semgħet lis-*Supervisor* Anna tgħajjat. Marret tara x'kien qiegħed jiġri u meta daħlet fiċ-ċella numru sitta ta' Elaine Rapinett, hija lemħet lill-priġuniera Lorraine Vella tagħti kaxxa lis-*Supervisor*. Ġo din il-kaxxa kien hemm biċċa plastik b'xi trab kannella u biċċa *foil* maħruqa. Dak il-ħin fiċ-ċella kien hemm Rapinett u Lorraine Vella. Saret ukoll tfittxija ġewwa ċ-ċella numru sebgħa li kienet okkupata mill-imputata u hemmhekk instabet tazza li fiha kien hemm likwidu aħdar. Tgħid illi ma tiftakarx eżatt fejn kienet din it-tazza.[12]

4. **PS 15 Cyril Butters** (qabel PS 85) xehed illi fit-22 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tan-nofs siegħa (12:30 pm), ġie nfurmat illi nstabet xi sustanza ġod-diviżjoni tan-nisa fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Huwa kien mar fuq il-post u ottjena l-verżjoni tas-*Supervisor* Marianne dwar dak li hija kienet osservat u sabet ġewwa ċ-ċella numru sebgħa ta' Lorraine Vella, l-imputata odjerna. Jgħid ukoll illi da parti tiegħu huwa ngħata l-oġġetti

[11] Ara a fol. 85 sa 93 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 94 sa 96 tal-proċess.

misjuba u nforma b'kollox lill-Ispettur Frans Micallef u saret inkjesta. Huwa esebixxa r-rapport tal-pulizija dwar il-każ.[13]

5. **L-Ispettur Spiridione Zammit** ippreżenta r-rapport tal-pulizija illi ttieħed b'rabta mas-sejba ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin nhar id-9 ta' Novembru 2010.[14]

6. **Is-Supretendent Frans Micallef** jixhed fir-rigward tal-każ tad-9 ta' Novembru 2010 illi dakinhar, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofisinhar (12:30 p.m.), il-pulizija ġiet infurmata dwar sejba ta' sustanza u likwidu suspettużi ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, senjatament fiċ-ċella numru sitta, li kienet okkupata minn ċertu Elaine Rapinett, kif ukoll fiċ-ċella numru sebgħa, li kienet okkupata mill-imputata odjerna. Huwa jgħid illi l-pulizija tkellmet mal-Uffiċjal tal-Ħabs, is-*Supervisor* Anna Vella u jispjega dak kollu li rriżulta waqt din l-investigazzjoni. Huwa jagħraf ir-rapporti illi huwa għamel lill-Maġistrat Inkwirenti dwar dan il-każ[15], kif ukoll dwar il-każ tat-22 ta' Diċembru 2010.

   Dwar il-każ illi seħħ nhar it-22 ta' Diċembru 2010, huwa jgħid illi għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30 p.m.), il-pulizija ġiet infurmata illi kien hemm sustanza suspettuża ġewwa l-Faċilita` Korretiva ta' Kordin ossia fiċ-ċella numru sebgħa ġewwa l-*Female Section*, liema ċella kienet okkupata mill-imputata odjerna. Huwa jispjega dak li rriżulta minn din l-investigazzjoni u esebixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar id-9 ta' Novembru 2010.[16] Jgħid ukoll illi ma kellux stqarrija dwar it-tieni każ.

   **In kontro-eżami** huwa jgħid illi jekk jidhirlu sew, meta daħal ir-rapport, l-imputata kienet ilha fiċ-ċella numru sebgħa għal madwar sebat ijiem u dan kien jafu "*nahseb milli qalti hi*".[17] Dwar dan jgħid ukoll illi ma jiftakarx jekk kienx ikkonferma mal-ħabs, iżda jaf li ma kinitx ilha hemmhekk għax "*ftit qabel kont kellimtha xi mkien iehor*".[18]

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Lorraine Vella** ossia l-imputata odjerna tixhed illi hija daħlet il-ħabs fil-5 ta' Novembru 2010 wara li ngħatat sentenza ta' priġunerija effettiva. Tgħid illi meta daħlet il-ħabs kienet ma tiflaħx u kien biss wara madwar tlieta jew erbat ijiem illi naddfet iċ-ċella tagħha sew. Spjegat illi l-gwardarobbi fiċ-ċella kellhom saqajn wesgħin u wara sieq minnhom sabet

---

[13] Ara din ix-xhieda a fol. 97 sa 99 tal-proċess, kif ukoll ir-rapport a fol. 100 sa 102 tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 154 tal-proċess u r-rapport esebit bħala 'Dok. SZX' a fol. 155 sa 157 tal-proċess.
[15] Ara r-rapport esebit a fol. 30 tal-proċess u dak esebit a fol. 131 tal-proċess.
[16] Din tinsab esebita a fol. 166 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 162 tal-proċess.
[18] A fol. 163 tal-proċess. Ara x-xhieda tas-Suprentendent Frans a fol. 159 sa 165 tal-proċess.

qisha *methadone* u pakkett b'dak illi kien qisu trab. L-affarijiet ħadithom sabiex turihom lill-priġuniera f'ċella oħra u dak il-ħin daħlet fuqhom is-*Supervisor*. Żiedet tgħid illi kien ilha residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għal ftit ġranet biss u tul dawk il-ftit ġranet la kellha viżiti u lanqas ħarġet mill-ħabs. Tgħid ukoll illi fis-sezzjoni fejn kienet tinsab iċ-ċella tagħha, iċ-ċelel kienu jkunu miftuħin, għalkemm tgħid ukoll illi "*ma nahsibx li xi hadd tefaghha hemm hekk*".[19] Tgħid illi fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (7:45 a.m.) isir il-*fall in* u ċioe` *head count* tal-priġunieri, wara jinfetħu ċ-ċelel li jinżammu miftuħin sakemm jerġgħu jingħalqu fin-nofs siegħa (12:30 p.m.). Iċ-ċelel jerġgħu jinfetħu fis-sagħtejn ta' waranofsinhar (2:00 p.m.) sakemm jingħalqu fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija (8:30 p.m.). Tgħid illi meta daħlet il-ħabs ġiet allokata din iċ-ċella u ma saret ebda tfittxija qabel ma daħlet fiha hi. Tul l-ewwel erbat ijiem tagħha l-ħabs hija kienet ma tiflaħx. Spjegat illi qabel daħlet il-ħabs hija kienet tieħu d-droga u meta daħlet il-ħabs kienet qiegħda tieħu Tramal u li għalhekk ma kellhiex wisq saħħa. Tgħid illi meta tidħol f'ċella tkun trid tagħtiha tindifa tajba u kien waqt din it-tindifa illi sabet l-oġġetti in kwistjoni. Tgħid ukoll illi hija ma tafx "*minn fejn inqalghet*"[20] l-imputazzjoni dwar l-i*smoke* għaliex hi qatt ma ġiet interrogata dwarha u ma sabulhiex *smoke*. Tgħid ukoll dwar l-ewwel każ, illi lill-Ispettur Micallef hija kienet qaltlu illi l-oġġetti in kwistjoni ma kinux tagħha.

**In kontro-eżami** l-imputata xehdet illi hija kienet tokkupa ċ-ċella numru sebgħa, f'Diviżjoni A ġewwa l-*Female Section*. Kienet tokkupa din iċ-ċella hi waħedha. Spjegat illi dakinhar hija marret bl-oġġetti in kwistjoni fiċ-ċella ta' Elaine Rapinett, minnufih kif sabithom wara s-sieq tal-gwardarobba fiċ-ċella tagħha. Tgħid illi marret fiċ-ċella ta' Rapinett biex turiha l-oġġetti, u tiċħad li marret ħdejha biex jikkonsmaw is-sustanza flimkien għaliex skont hi "*Xi trid tuza? Smack li ma kinitx smack? Taghmel sens*".[21] Tgħid ukoll illi dak il-ħin illi sabet il-pakkett hija lanqas biss fetħitu u marret bih minnufih għand Rapinett u kien wara li sabu l-pakkett il-gwardjani li saret taf x'kien hemm fih. Mistoqsija għaliex ma nfurmatx lill-gwardjani b'dak illi kienet sabet, hija tgħid illi huma ma jimxux b'dik is-sistema, illi x-xhud li kienet ser tixhed warajha kienet sabet *pipe* x'ħin daħlet fiċ-ċella u remietu u ma qalet xejn lill-uffiċjali tal-ħabs u li "*llum il-gurnata naghmilha ghax ghaddejt minnha u veru esperjenza tac-cajt*".[22] Wara tgħid ukoll illi hija kienet għadha dieħla l-ħabs u lanqas kienet taf is-sistema tal-ħabs kif taħdem. Tgħid ukoll illi llum il-ġurnata ma kinitx tmur bih għand ħaddieħor.[23]

[19] Ara a fol. 171 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 174 tal-proċess.
[21] A fol. 177 tal-proċess.
[22] A fol. 177 tal-proċess.
[23] Ara din ix-xhieda a fol. 170 sa 181 tal-proċess.

2. **Sarah Żammit** tixhed illi hija għamlet xi żmien tokkupa ċ-ċella numru għaxra, fis-Sezzjoni A fil-*Female Section* ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Hija tgħid illi meta daħlet f'din iċ-ċella kienet naddfitha u taħt is-sodda sabet bukkin tal-i*smack*. Tgħid illi qabditu u remietu għaliex li kieku saret tfittxija fiċ-ċella tagħha u nstab dak il-bukkin, kienet tispiċċa rinfaċċjata b'imputazzjonijiet ġodda. Skont hi, dan juri illi ċ-ċelel ma jiċċekkjawhomx qabel jingħataw lill-priġunieri.[24]

3. **Il-Maġġur Maria Vassallo** tixhed illi hija ilha ħames snin inkarigata mill-*Female Section* ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Lill-imputata tafha mill-ħabs stess. Hija tgħid illi mhijiex prassi li qabel priġunier jiddaħħal ġo ċella, issir tfittxija taċ-ċella fil-presenza tiegħu. Tgħid illi meta toħroġ il-priġuniera ta' qabel, iċ-ċella titnaddaf u meta tidħol il-priġuniera l-ġdida ma terġax tiġi ċċekkjata. Spjegat illi mhux dejjem ikun il-każ illi meta joħroġ priġunier, jidħol ieħor immedjatament minfloku. F'dak il-każ wara li ċ-ċella tiġi spezzjonata u mnaddfa din tingħalaq u tibqa' hekk magħluqa biċ-ċavetta sakemm jidħol priġunier ieħor. Tgħid ukoll illi huma l-priġunieri stess illi jnaddfu ċ-ċelel illi jkunu vojta meta joħroġ priġunier minn ċella u ma ssirx tfittxija fiha mill-gwardjani tal-ħabs.[25]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-każ, l-imputata odjerna tinsab akkużata b'imputazzjonijiet li jirreferu għal żewġ okkażżjonijiet separati, ossia każ li seħħ nhar id-9 ta' Novembru 2010 u ieħor illi seħħ nhar it-22 ta' Diċembru 2010.

Jirriżulta ċar mill-atti proċesswali illi fiż-żmien in kwistjoni l-imputata kienet residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u kienet qegħda tokkupa ċ-ċella numru sebgħa li tinsab fid-Diviżjoni A, ġewwa s-Sezzjoni tan-Nisa. L-istess imputata tgħid illi hija kienet ilha l-ħabs mill-5 ta' Novembru 2010.

**<u>L-ewwel imputazzjoni: Pussess ta' droga eroina fid-9 ta' Novembru 2010 u fit-22 ta' Diċembru 2010</u>**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan kemm b'referenza għad-9 ta' Novembru 2010

[24] Ara din ix-xhieda a fol. 182 sa 184 tal-proċess.
[25] Ara din ix-xhieda a fol. 186 sa 193 tal-proċess.

għall-ħabta ta' 12.25 p.m., kif ukoll b'referenza għat-22 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tas-6.30 p.m.

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2014, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi "*qed tirtira l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata ossia dik tal-eroina*".[26]

Illi għalkemm minn din id-dikjarazzjoni, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tirtira l-ewwel imputazzjoni fl-intier tagħha, biss huwa evidenti minn qari tal-atti proċesswali illi l-intenzjoni tal-Prosekuzzjoni hawnhekk kienet illi tirtira dik il-parti tal-imputazzjoni li kienet tirreferi għal dak illi xehed dwaru x-Xjenzat Godwin Sammut fis-seduta preċedenti tal-25 ta' Ġunju 2014 u ċioe` illi fit-trab kannella li nstab fil-pussess tal-imputata fid-9 ta' Novembru 2010, instabu biss is-sustanzi kaffeina u *paracetamol* u in oltre fl-estratti li ttieħdu mill-*foil* li kien ukoll jifforma parti mill-esebit tad-9 ta' Novembru 2010, instabu is-sustanzi kaffeina, *paracetamol* u *codeine*. Fil-fatt sas-seduta li fiha l-Prosekuzzjoni għamlet din id-dikjarazzjoni, kien għadu lanqas ma ġie esebit il-proċess verbal relatat mat-tieni sejba tat-22 ta' Diċembru 2010, li fih ukoll ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud dwar l-analizi tal-oġġetti misjuba f'dik l-okkażjoni.

Illi fi kwalunkwe każ madankollu, il-Qorti tinnota illi l-imputazzjoni tal-pussess tad-droga eroina, in kwantu tirreferi għat-22 ta' Diċembru 2010, tirreferi wkoll għall-ħin bħala "ghal habta tas-6.30pm". Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Frans Micallef ukoll jirreferi għal dan il-ħin bħala l-ħin illi fih il-pulizija ġiet infurmata b'din is-sejba ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u huwa wkoll dan il-ħin illi huwa jirreferi għalih fir-rapport tiegħu dwar il-każ lill-Maġistrat Inkwirenti.[27] Madankollu, mill-bqija tal-atti proċesswali jirriżulta xort'oħra. Mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Photographer* PS 612 Theo Vella, jirriżulta illi huwa aċċeda ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid sabiex jespleta l-inkarigu lilu mogħti nhar it-22 ta' Diċembru 2010 "*ghall-habta tas-14:15hrs*", wara li ġie infurmat bil-każ "*ghall-habta tas-13:30hrs*".[28] In oltre mir-rapport esebit minn PS 15 (dak iż-żmien PS 85) Cyril Butters dwar l-istess każ, ukoll jirriżulta illi r-rapport dwar is-sejba daħal ġewwa l-għassa fin-nofsiegħa (12:30) u li l-inċident hemmhekk imsemmi seħħ f'nofsinhar u għoxrin (12:20). Mhux biss iżda anke t-*tag* mal-esebit jindika l-ħin tas-sejba bħala "12:20 Hrs".

Illi fid-dawl tas-suespost ċertament ma jistax jingħad illi din l-imputazzjoni kif dedotta, in kwantu tirreferi għat-22 ta' Diċembru 2010 għall-ħabta tas-6.30 p.m., tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

---

[26] Ara a fol. 107 tal-proċess.
[27] Ara a fol. 131 tal-proċess.
[28] Ara a fol. 149 tal-proċess.

Hawnhekk għal fini ta' kompletezza, irid jingħad ukoll illi mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud jirriżulta illi fuq il-*foil* illi nstab fil-pussess materjali tal-imputata dakinhar tat-22 ta' Diċembru 2010, kien hemm traċċi tas-sustanza *6-monoacetylmorphine*, liema sustanza skont l-istess espert tirriżulta bħala konsegwenza tad-degradazzjoni tad-droga eroina. Minn dan wieħed jista' jislet il-konklużjoni illi f'xi żmien qabel din is-sejba kien hemm il-konsum tas-sustanza eroina u allura l-pussess tal-istess, iżda ma jistax jingħad illi l-imputata kienet fil-pussess tas-sustanza eroina fil-ħin tas-sejba.

Għaldaqstant, fil-waqt illi qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel parti tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din tirreferi għad-9 ta' Novembru 2010, tqis illi t-tieni parti tal-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi għat-22 ta' Novembru 2010 ma tirriżultax ippruvata.

**<u>It-tieni imputazzjoni: pussess tad-droga *methadone* fid-9 ta' Novembru 2010</u>**

Permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputata tinsab akkużata bil-pussess tad-droga *methadone* ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fid-9 ta' Novembru 2010.

Jibda biex jingħad illi l-Prosekuzzjoni ressqet diversi provi in konnessjoni ma' din is-sejba. Jirriżulta ampjament illi dakinhar tad-9 ta' Novembru 2010, preżenti waqt din is-sejba, kien hemm is-*Supervisor* Marianna (*sive* Anna) Vella, WCO 15 Mary Jane Camilleri u WCO 22 Carmen Abdilla, liema uffiċjali lkoll xehdu fil-mori tal-inkjesta dwar l-istess każ l-għada ossia nhar l-10 ta' Novembru 2010 u għalhekk *a tempo vergine*. Tnejn minnhom ossia Marianna Vella u WCO 22 Carmen Abdilla xehdu wkoll fil-proċeduri quddiem din il-Qorti. Jirriżulta ċar mix-xhieda tal-imsemmija uffiċjali illi fid-9 ta' Novembru 2010, wara li fiċ-ċella ta' Elaine Rapinett, l-imputata odjerna nstabet fil-pussess ta' kaxxa li kienet tikkontjeni fost oħrajn, pakkett bit-trab kannella u xi *foil*, saret tfittxija wkoll fiċ-ċella tagħha ossia dik bin-numru sebgħa u hemmhekk, fuq mejda, instabet tazza b'likwidu aħdar, li mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżulta li kien jikkontjeni s-sustanza *methadone*.

Illi dwar l-oġġetti misjuba fil-jum in kwistjoni fil-pussess tagħha, fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, l-imputata tgħid illi dawn ma kinux tagħha u illi hija kienet għadha kif sabithom wara s-sieq tal-gwardarobba proprju dak il-ħin stess u in kwantu l-oġġetti li kellha fil-pussess tagħha fiċ-ċella ta' Rapinett, hija baqgħet mill-ewwel sejra bihom għandha sabiex turihomlha. Ukoll proprju dak il-ħin daħlet Anna Vella, l-uffiċjal tal-ħabs.

Illi f'dan ir-rigward jirriżulta mill-provi mressqa illi sa mill-bidunett l-istess imputata kkontestat illi l-oġġetti misjuba kienu tagħha. Il-Qorti tqis illi ma tantx għandha għalfejn tidħol f'wisq dettal dwar lil min kienu jappartjenu dawn l-

oġġetti ossia jekk verament l-imputata kinitx sabithom fiċ-ċella li kienet qegħda tokkupa meta kienet qegħda tnaddafha, għalkemm dwar dan, ma tistax ma tikkummentax illi kumbinazzjoni, ftit iżjed minn xahar wara, l-istess imputata reġgħet instabet fil-pussess tad-droga, din id-darba raża tal-*cannabis* u traċċi ta' sustanza li tindika l-presenza preċedenti tal-eroina. Madankollu, dak li trid tiddeċiedi dwaru din il-Qorti mhuwiex dwar lil min kienu jappartjenu l-oġġetti in kwistjoni, iżda jekk jirriżultax, fil-grad rikjest mil-liġi, illi dawn kienu fil-pussess tal-imputata, u jekk tali pussess kienx volut u xjenti.

Jibda biex jingħad illi anke li kieku għall-grazzja tal-argument biss, l-imputata verament sabet l-oġġetti in kwistjoni moħbija fiċ-ċella tagħha waqt li kienet qegħda tnaddaf, huwa evidenti illi ma kellha l-ebda intenzjoni li teħles minnhom. Effettivament skont hi, marret minnufih tiġri bihom għand priġuniera oħra, Elaine Rapinett u proprju f'idejn Rapinett, l-uffiċjal Anna Vella lemħet oġġett li wara rriżulta li kienu żewġ biċċiet tal-*foil*. X'kienet qegħda tagħmel b'żewġ biċċiet tal-*foil* f'idejha Rapinett dak il-ħin li l-imputata, skont hi, marret għandha bl-oġġetti in kwistjoni, liema oġġetti kienu jinkludu wkoll borża bi trab kannella, ma jirrikjedix wisq immaġinazzjoni. Għalxejn l-imputata tinnega s-suġġeriment tal-Prosekuzzjoni in kontro-eżami illi hija marret fiċ-ċella ta' Rapinett proprju biex taqsam magħha minn dak li kellha, billi twieġeb illi l-istess trab kannella lanqas kien droga eroina, għaliex fl-ewwel lok, meta hija nstabet fil-pussess tal-istess trab, l-imputata kienet għadha ma tafx b'dan u fit-tieni lok, il-fatt illi skont il-verżjoni tagħha stess, hija marret fiċ-ċella ta' Rapinett bl-istess trab juri illi għaliha dan ma kien xejn ħlief droga eroina, apparti illi Rapinett kellha f'idejha proprju żewġ biċċiet *foil*. Mhux biss iżda tant l-imputata kellha f'moħħha li din kienet droga eroina, li rreżistiet mhux bil-ftit lill-uffiċjal Anna Vella meta din talbitha l-oġġetti in kwistjoni.

Dwar il-*methadone* imbagħad, anke hawn ma jirriżultax illi l-pussess ma kienx volut jew xjenti. L-imputata tgħid illi kienet ġdida għall-ħabs u li għalhekk ma kinitx taf x'kellha tagħmel. Madankollu mill-fedina penali tagħha jirriżulta illi fis-sena 1998, hija ġiet ikkundannata għal tliet xhur priġunerija effettiva dwar pussess ta' droga eroina u fis-sena 2008, piena pekunjarja li hija ġiet preċedentement ikkundannatha li tħallas, ġiet konvertita f'piena ta' għoxrin jum priġunerija. Anke li kieku l-istess imputata verament sabet din is-sustanza fiċ-ċella tagħha, hija la remietha jew ħelset minnha u lanqas ma avżat b'dan lill-uffiċjali tal-ħabs, iżda baqgħet fil-pussess tagħha. In oltre il-Qorti lanqas m'għandha dubju illi l-imputata kienet taf x'kienet dik is-sustanza. Apparti illi fix-xhieda tagħha hija stess tgħid illi kienet tieħu d-droga qabel daħlet il-ħabs, il-fedina penali tagħha turi illi hija nstabet ħatja ta' pussess ta' droga eroina diversi drabi qabel il-każ odjern. In oltre għalkemm f'punt minnhom fix-xhieda tagħha, hija tgħid illi ċ-ċelel kienu jagħmlu perjodu ta' ħin miftuħin matul il-ġurnata, biss hija stess tgħid illi "*ma nahsibx li xi hadd tefaghha hemm hekk*".

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ġiet sodisfaċentement ippruvata.

**<u>It-tielet imputazzjoni: pussess tar-raża tal-*cannabis* fit-22 ta' Diċembru 2010</u>**

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata bil-pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan ukoll b'referenza għat-22 ta' Diċembru 2010. Għalkemm din l-imputazzjoni ma tindika l-ebda ħin speċifiku, madankollu huwa evidenti illi din l-imputazzjoni qegħda tirreferi għall-istess każ li tirreferi għalih l-ewwel imputazzjoni, in kwantu dan seħħ ft-22 ta' Diċembru 2010, u għalhekk neċesserjament qegħda tirreferi wkoll għall-istess ħin tas-6.30 p.m. Tant din kienet l-intenzjoni tal-Prosekuzzjoni, illi anke r-raba' imputazzjoni naturalment tirreferi għall-"*istess dati hin u cirkustanzi*". L-uniċi dati u ħinijiet li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni huma d-9 ta' Novembru, għall-ħabta ta' 12.25 p.m. u t-22 ta' Diċembru 2010, għall-ħabta tas-6.30 p.m. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ħtija o meno tal-imputata odjerna, hija marbuta b'dawn il-parametri ta' dati u ħin riżultanti miċ-ċitazzjoni.

Illi tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni, huwa evidenti illi bħas-sejba tal-*foil* bi traċċi tas-sustanza *6-monoacetylmorphine*, is-sejba fl-istess ċirkustanzi tas-sustanza li, mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, tirriżulta illi kienet raża tal-*cannabis*, ukoll ma seħħitx fis-6.30 p.m. kif indikat fl-imputazzjonijiet odjerni. Għaldaqstant, għalkemm mill-provi prodotti m'hemmx dubju illi l-imputata verament instabet fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* fil-jum in kwistjoni, il-Qorti ma tistax issibha ħatja ta' din l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tagħha.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni: ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Illi permezz ta' din l-imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata talli daħħlet jew ippruvat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs, xi oġġett li huwa pprojbit – f'dan il-każ sustanzi lleċiti – mingħajr l-awtorita` leġittima. Għalkemm huwa minnu illi l-imputata kienet fil-pussess ta' sustanzi lleċiti, in kwantu l-każ tat-22 ta' Diċembru 2010, din l-imputazzjoni tirreferi għall-istess ħin tas-6:30 p.m. - "*fl-istess dati hin u cirkustanzi*" - u għalhekk ma tistax tirriżulta ppruvata. In oltre in kwantu l-każ tad-9 ta' Novembru 2010, għalkemm huwa minnu wkoll illi l-imputata nstabet fil-pussess tal-*methadone*, m'hemm l-ebda prova in atti li turi illi kienet l-istess imputata li daħħlet din is-sustanza fil-ħabs.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Il-ħames imputazzjoni: l-addebitu tar-reċidiva</u>**

L-imputata tinsab akkużata wkoll illi rrendiet ruħha reċidiva b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>**, deċiża nhar l-10 ta' Settembru 2004 fejn ingħad hekk:

"*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati meħtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tiġi akkuzata bir-recidiva.*"

Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqet l-ebda prova tali tal-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputata.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali aġġornata tal-istess imputata, liema fedina penali hija waħda refrattarja u tinkludi kundanni relatati ma' diversi reati, fosthom il-pussess ta' droga f'diversi okkażżjonijiet, inkluż pussess aggravat tad-droga eroina u kokaina li dwarhom l-istess imputata ġiet ikkundannata għall-piena ta' sitt snin priġunerija effettiva u piena pekunjarja, kif ukoll *money laundering*, traffikar tad-droga kokaina, kif ukoll pussess aggravat tad-drogi kokaina u eroina, dwar liema l-istess imputat ġiet ikkundannata għal piena ta' għaxar snin priġunerija effettiva u piena pekunjarja.

Il-Qorti qieset ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, inkluż in-natura tas-sustanza fil-pussess tal-imputata u illi japplikaw fil-konfront tagħha d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu hija kienet detenuta ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fiż-żmien tal-każ odjern. Fiċ-ċirkostanzi, qed iżżid il-piena applikabbli bi grad.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata mhux ħatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din tirreferi għall-jum tat-22 ta' Diċembru 2010, tat-tielet imputazzjoni kif dedotta, kif ukoll tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u qegħda tilliberaha minnhom, fil-waqt illi qed issibha ħatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannaha għall-piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija effettiva**.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din tirreferi għad-data tad-9 ta' Novembru 2010.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tas-segwenti spejjeż: l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1261 Charles Pace, ammontanti għas-somma ta' tnejn u ebgħin ewro, sitta u erbgħin ċenteżmu (€42.46), nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema nofs jammonta għas-somma ta' disgħa u disgħin ewro, wieħed u erbgħin ċenteżmu (€99.41)[29] u l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku John Sacco ammontanti għas-somma ta' erba' mija, disgħa u tletin ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€439.48).[30] B'kollox għalhekk il-ħatja għandha tħallas is-somma ta' ħames mija, wieħed u tmenin ewro, ħamsa u tletin ċenteżmu (€581.35), liema spejjeż għandhom jitħallsu minnha fi żmien sitt xhur mil-lum.

Finalment, tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti in atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[29] Il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħatja biss għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż konnessi ma' din l-analizi stante illi l-imputata qed tinstab ħatja biss fir-rigward tas-sustanza *methadone*, fil-waqt illi l-bqija tal-oġġetti analizzati ma kinux jikkontjenu sustanzi llegali. In oltre stante illi r-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes ma tinċidix fuq il-ħtija tal-imputata f'dan il-każ, il-Qorti mhijiex tikkundannaha għall-ispejjeż konnessi ma' din ir-relazzjoni.

[30] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-imputata għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjonijiet tal-Ispiżjar Mario Mifsud u ta' PS 612 Theo Vella stante illi hija mhijiex tinstab ħatja tal-imputazzjonijiet li magħhom huwa konnessi l-ħatriet tal-imsemmija esperti.